Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 145/2014

**Elizabeth Psaila u Michael Psaila (intimata)**

**Vs**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta (rikorrenti)**

20 ta' Jannar, 2017.

1. Fis-26 ta' Awissu 2016 l-Awtorita rikorrenti pprezentat rikors li bih talbet ir-ritrattazzjoni mis-sentenza ta' din il-qorti tal-10 ta' Gunju, 2016 li biha cahdet l-eccezzjoni tar-rikorrenti li mhijiex il-legittimu kontradittur fil-kawza. It-talba tar-rikorrenti hi bazata fuq applikazzjoni hazina ta' ligi (art. 811(e) tal-Kap. 12) ghaliex:

   i. L-artikolu 7 tal-Kap. 499 ma jistax jinqara *in vacuo*;
   ii. Il-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57, *Regolamenti dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq*, tipprovdi li r-rikorrenti hi responsabbli ghal toroq arterjali u distributorji. Skont ir-rikorrenti l-qorti messha applikat din id-disposizzjoni, u f'liema każ kellha tikkonkludi li l-Awtorita' mhijiex legittimu kontradittur ghaliex it-triq fejn sehh l-allegat incidenti m'hijiex wahda minn dawk it-toroq li bil-ligi hi responsabbli ghalihom l-Awtorita.
   iii. Hemm distinzjoni bejn il-Gvern Centrali u l-Awtorita li hi konfermata fir-regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57.

2. L-intimati wiegbu fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn it-talbiet ghandhom jigu michuda.

3. **Fatti**.

   3.1 Fil-25 ta' April 2014 l-intimati harrku lir-rikorrenti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghas-somma ta' €5,468.89, danni li qalu li sofrew fil-vettura taghhom fl-14 ta' Lulju 2013 meta dahlet f'gandott tal-ilma miftuh li ma kellu l-ebda protezzjoni jew sinjali ohra. Danni li allegatament saru waqt li l-vettura kienet ghaddejja mir-ring road ta' Ta' Qali, triq li f'parti minnha tisthajlek li qieghed issuq fuq il-qamar.
   3.2 L-Awtorita, wiegbet li ma kinitx il-legittimu kontradittur.
   3.3 B'sentenza tat-3 ta' Dicembru, 2014 il-Qorti tal-Magistrati laqat l-eccezzjoni wara li kkonkludiet li t-triq fejn sehh l-allegat incident, ma kinitx triq arterjali jew distributorja u l-Awtorita ma kinitx assumiet

responsabbilta ghat-triq fejn sehh l-incident izda r-responsabbilta kienet tal-Gvern Centrali.

3.4 L-intimati appellaw mis-sentenza.

3.5 B'sentenza tal-10 ta' Gunju, 2016 din il-qorti rrevokat is-sentenza u cahdet l-eccezzjoni li r-rikorrenti mhijiex il-legittmu kontradittur. Ir-ragunijiet li wasslu lill-qorti ghal dik id-decizjoni jissemmew f'paragrafu 4 tas-sentenza.

4. Il-qorti tibda biex tosserva li **kien biss** f'dan l-istadju li r-rikorrenti semmiet ghall-ewwel darba l-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57. Atteggjament li jaghti wiehed x'jifhem li kien issa li l-Awtorita ntebhet b'regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57.

5. Hu minnu li regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57 jipprovdi li l-Awtorita hi responsabbli ghal manutenzjoni ta' toroq u fil-proviso jkompli: *"Izda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsill Lokali"*. Pero' skont dan ir-regolament hu evidenti li r-responsabbilta ghal manutenzjoni tat-toroq pubblici huma tal-Awtorita **jew** tal-Kunsill Lokali. Dan hu evidenti wkoll mill-Artikolu 7(b) tal-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, li l-qorti ghamlet riferenza ghalih fis-sentenza tal-10 ta' Gunju 2016. F'artikolu 2 tal-Kap. 499 id-definizzjoni ta' triq hi wiesgha hafna, u zgur li tinkludi t-triq fejn sehh l-allegat incident meritu tal-kawza. Issa f'dan il-kaz kien ufficjal tal-Awtorita' stess (il-perit David Vassallo) li xehed li t-triq fejn sehh l-allegat incident ma kinitx taqa' fir-responsabbilta tal-Kunsill Lokali (fol. 45). Sahansitra:

i. mill-pjanta Dok. X (fol. 27) li pprezenta Nicholas Baldacchino, ufficjal tar-rikorrenti, jirrizulta li t-triq fejn sehh l-allegat incident taqa' fl-area eskluza mir-responsabbilta tal-Kunsill Lokali (ara legend).

ii. fil-kors tal-proceduri l-Awtorita **qatt** m'allegat li l-Kunsill Lokali ta' H'Attard kien responsabbli ghal manutenzjoni tat-triq fejn sehh l-allegat incident. It-tezi tal-Awtorita mill-bidunett kienet li r-responsabbilta kienet tal-Gvern centrali.

6. Ladarba fil-fehma tal-qorti kemm mill-Kap. 499 u kif ukoll mil-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57 hu evidenti li r-responsabbilta ghal manutenzjoni tat-toroq f'Malta huma **tar-rikorrenti jew Kunsill Lokali** u f'dan il-kaz l-Awtorita stess hadet il-posizzjoni li l-Kunsill Lokali mhuwiex responsabbli ghal manutenzjoni ta' dik it-triq, allura r-responsabbilta taqa' fuq l-Awtorita.

7. Id-decizjoni tal-qorti ma kinitx bazata biss fuq dak li jipprovdi l-att principali izda wkoll fuq dak li rrizulta mill-provi. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal dik il-parti f'paragrafu 4 tas-sentenza, fejn jinghad: *"F'Dicembru 2012 jirrizulta li l-*

*konvenuta kienet inkarigat kuntrattur sabiex jaghmel xoghlijiet fit-triq fejn sehh l-incident in kwistjoni…… Mehud in konsiderazzjoni ta' dawn il-provi, il-qorti tkompli ssahha il-fehma li l-konvenuta hi l-legittimu kontradittur".* Ghalhekk ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jaqbel mal-ilment tar-rikorrenti, it-talba ghar-ritrattazzjoni ma tistax tirnexxi ghaliex is-sentenza ma kinitx bazata biss fuq applikazzjoni ta' ligi izda **wkoll** fuq provi. Provi li wasslu lill-qorti biex tikkonkludi li mill-provi kien irrizulta li l-Awtorita assumiet ir-responsabbilta ghat-triq. Din il-motivazzjoni fis-sentenza tal-10 ta' Gunju 2016, kienet wahedha bizzejjed sabiex il-qorti tikkonkludi li l-Awtorita hi l-legittimu kontradittur.

**Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha**.

Anthony Ellul.